# IL-FUTUR TAL-UE MARBUT MAL-ELEZZJONIJIET LI ĠEJJIN



**EDWARD SCICLUNA** /*Ministru għall-Finanzi*



**Il-Ministru għall-Finanzi, Prof. Edward Scicuna flimkien mal-Ministru tal-Finanzi Portugiż u President tal-Eurogroup s-Sur Mario Centeno**

Kulħadd qed iħoss it-taqlib politiku li għaddej fl-Ewropa, fejn kulma jmur qed jinbtu partiti ġodda u li eventwalment qed jitilgħu fil-gvern ukoll. Hawn min qed isejjaħ lil dawn il-partiti: popolisti. Il-popoliżmu qed jintroduċi ruħu b'mod differenti ħafna. Hawn minn dawn il-gvernijiet fejn meta tidħol l-immigrazzjoni huma iebsin, iżda mbagħad meta jidħlu regolamenti ekonomiċi ma humiex daqshekk revoluzzjonarji, anzi pjuttost konservattivi għaliex jgħidu li r-regoli li hemm bħalissa għandhom jinżammu. Iżda mbagħad hemm oħrajn bħal fl-Italja fejn ma jridux joqogħdu għar-regolamenti Ewropej sew fejn jirrigwardjaw l-immigrazzjoni u sew dawk ekonomiċi u finanzjarji.

It-taqlib u n-nuqqas ta' qbil qed jinħass sew fil-Kunsill Ewropew tal-Ministri tal-Finanzi, dan hekk kif il-mod kif qed iġib ruħu dan il-Kunsill ma għadux l-istess mod ta' ħames snin ilu. Meta dħalt għall-ewwel darba fih l-atmosfera kienet sew differenti minn dik tal-lum. Fil-Kunsill tal-Ministri tal-Finanzi kontra li kont esperjanzajt fil-Parlament Ewropew kienet tinħass sew dik li bl-Ingliż jgħidulha *pecking order*, jiġifieri li l-pajjiżi l-kbar ikollhom aktar jeddijiet fuq il-pajjiżi l-oħra, apparti li l-kelma tagħhom ikollha aktar effetti fid-diskussjonijiet. U fuq kollox li l-ikbar pajjiż b'saħħtu jibda d-diskussjoni hu. Jekk ma jagħlaqhiex hu wkoll. Kien hemm sitwazzjoni fejn Ministri għall-Finanzi ta' pajjiżi kbar u influwenti bħall-Ġermanja u Franza, li kienu jitkellmu u l-kelma tagħhom kienet l-aktar li tgħodd, warajhom kont tisma' l-interventi ta' Spanja u l-Italja mbagħad jitkellmu pajjiżi oħra.

Dan llum inqaleb ta' taħt fuq u għalkemm il-Ġermanja għadha importanti u rispetta ma għadx għandha l-vuċi bis-saħħa li kellha qabel. Dan jidher l-iżjed waqt id-diskussjonijiet. Għandek lil Franza li qed tipprova teħdilha postha u allura qed ikollha aktar rwol b'ideat b'saħħithom.

L-affarijiet qed jinbidlu. Kien hemm żmien bħal pereżempju li meta l-Ewropa tara u tisma' li l-Ġermanja tkellmet ma' Franza u ftiehmet dan ssir aħbar importanti u d-diskussjoni tkun dwarha biss, Dan il-ftehim jiġi aċċettat mill-membri l-oħra fil-Kunsill. Ftit wara tara li dan il-ftehim isir direttiva, pjan, programm jew ftehim ġdid Tlett ijiem ilu ż-żewġ ministri tal-Ġermanja u ta' Franza pruvaw jiġu flimkien u jaslu għal ftehim ta' bejniethom. Dan kien dwar li jitwaqqaf baġit ġdid biex iservi fi żmien ta' kriżi u jistabbilizza l-ekonomiji dgħajfa.Filfatt waslu għal kompromess li ppreżentawh fil-Kunsill u bdew jimbutawh. Hawnhekk qamet diskussjoni mqanqla. Kien hemm li qal li mhux sew li dak li jkun jiġi b'idea daqs hekk għada fjakka u jippreżentaha u jippredenti li aħna nimplimentawha mil-lum għal għada. Wieħed seta' jinnota li kontra għal dak li kien isir fil-passat il-ministri ta' partiti li ġew eletti dan l-aħħar kienu l-iktar li wrew ma' dan il-ftehim bejn iż-żewġ l-akbar pajjiżi fl-UE.

Irrid nagħti ħarsa issa lejn l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li se jsiru fi ftit xhur oħra. Ħadd ma jaf x'ser ikun l-eżitu ta' dawn l-elezzjonijiet madwar l-Ewropa kollha. Wieħed jistaqsi jekk hux ser ikun hemm maġġoranza akbar ta' dawn il-partiti popolisti jew tal-lemin estrem. Jekk verament iseħħ, dan mistenni jkollu effetti problematiċi fid-diskussjonijiet. Illum jidher biċ-ċar li fil-Kunsill tal-Ministri ħadd ma jaf fejn qiegħed, għandna ħafna trufijiet u kellna nagħmlu laqgħat straordinarji aktar mis-soltu. Tant kemm għandna trufijiet li ma nafux jekk sa Diċembru jkunx hemm ftehim fuq dawn il-ħafna kwistjonijiet.

Fid-dawl ta' dan kollu wieħed irid jistenna l-eżotu ta' dawn l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Nisperaw li l-elettorat jifhem is-sitwazzjoni, fosthom li dawn il-partiti popolisti mhu qed iwasslu għal imkien. Każ tipiku ta' dan hu l-avventura li daħal għaliha l-elettorat Ingliż permezz tal-Brexit.

Iżda nafu lkoll nafu x'ġara u x'qed jiġri fl-Amerka. Nawgura li fl-Ewropea jirbaħ is-sens komun!

## Pantomini tal-PN

Sur Editur,

Hija ħaġa naturali li wieħed joħlom. Imma normalment, ladarba tistenbaħ tkun tista' tgħid jekk il-ħolma kienitx sabiħa jew kerha, u tkompli bil-ħajja.

Imma dan l-aħħar qegħdin naraw lil esponenti tal-Partit Nazzjonalista li jibqgħu jgħixu l-ħolm tagħhom u jibdew jaħsbu li l-ħolm tagħhom huwa realtà.

Adrian Delia qalilna li dawk li qegħdin jitwieldu llum jistgħu jgħixu sa 200 sena u saħansitra jibnu pajjiżi fuq pjaneti oħra. Waqt li tidħak jew tibki, tista' żżid din mal-ħafna gaffs li wettaq u qal s'issa l-kapo Nazzjonalista. Imbagħad kellna lill-isfiduċjat Simon Busuttil li għat-tieni darba fil-Parlament iddikjara li huwa għadu jemmen f'gidba malinna li fuqha bbaża l-programm elettorali tal-elezzjoni ġenerali 2017 u ħa tkaxkira storika kif kien jixraqlu. Għamel hekk minkejja li din il-kwistjoni ġiet fi tmiemha bir-riżultat li waslet għalih l-Qorti fir-rapport tagħha għall-inkjesta li għamlet dwar il-kumpanija Egrant.

Barra minn hekk rajna lill-istess Simon Busuttil jippoża bħala xi wieħed urtat għall-aħħar għax is-Segretarju Parlamenti Silvio Schembri qallu li hu giddieb, u dlonk qabeż il-Whip tal-PN u staqsa lill-Ispeaker jekk setax juża din il-kelma fil-Kamra tar-Rappreżentanti. Dan minkejja li r-rapport tal-inkjesta mwettqa mill-Qorti dwar il-kumpanija Egrant tgiddeb għalkollox dak li għadu jallega l-ekskap Nazzjonalista Simon Busuttil.

U jien, bħala ċittadin, nixtieq nistaqsi lil dan il-Whip jgħidilna kemm-il darba, pereżempju, id-deputat Nazzjonalista Jason Azzopardi allegatament ma qalx il-verità fil-Parlament għax hemm l-immunità parlamentari u kemm-il darba ġie sfidat biex jirrepeti barra l-bini tal-Parlament l-allegazzjonijiet infondati li għamel iżda li qatt ma kellu l-kuraġġ li jilqa' dawn l-isfidi?

Dan Jason Azzopardi wkoll jemmen fil-ħolm tiegħu bħal meta qalilna li t-tfal tal-Prim Ministru Joseph Muscat qegħdin jistudjaw f'kulleġġ fl-Ingilterra, meta fil-verità kulħadd jaf li dawn għadhom jgħixu Malta u għadhom jattendu l-istess skola li kellhom.

L-istess deputat Nazzjonalista fil-kitba u d-diskorsi tiegħu ma jonqos qatt milli jobżoq il-velenu u l-ħdura kontra l-Gvern Laburista, b'mod speċjali kontra l-Prim Ministru Dr Joseph Muscat għax jgħir għalih.

MANUEL,
il-Fgura